MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## GRAZIO MERCIECA

Seduta tat-23 ta' Mejju, 2006

Talba Numru. 19/2006

**Maltacom plc**

**vs**

**Warren Josephine**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

“Illi l-konvenuta ghandha tigi ikkundannata thallas lis-socjeta’ Maltacom plc is-somma ta’ tlett mija u sebghin lira Maltin u sebgha u hamsin centezmu (Lm370.57) rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizz tat-telefon bin-numru 21564609 (Acc. No. 10217226), liema servizz gie originarjament installat fil-flat bin-numru 2, Xwejni Court, Triq Santa Marija, Marsalforn, Ghawdex u sussegwentament trasferit ghall-fond bin-numru 8, Triq Bir-Rix, Kercem, Ghawdex fuq struzzjonijiet tal-konvenuta,

u dana kif jidher mill-kopj atas-service agreement hawn anness u immarkat bhala dokument “A” u kopja tat-talba ghat-trasferiment tas-servizz  hawn annessa u immarkata bhala dokument “B”.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-prezenti, tal-Vat fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenuta li minn issa hija ingunta ghas-subizzjoni.”

Ra l-verbal fis-seduta tallum  imnejn jirrizulta li s-sorte thallas fil-mori tal-kawza u ghalhekk it-talba qieghdha tigi ceduta fir-rigward salv l-ispejjez tal-kawza.

U billi l-kawza saret minhabba l-inadempjenza ingustifikata tal-konvenuta.

Jaqta’ u jiddeciedi billi jastjeni milli jiehu konjizzjoni tat-talba fil-mertu filwaqt li jikkundanna lill-konvenuta ghall-hlas tal-ispejjez ta’ din il-kawza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------